MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2007

Numru. 657/2002

Il- Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

-vs-

Brian Mallia
Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Brian Mallia ta’ 33 sena iben Louis u Alfrida xebba Borg imwieled Pieta’ fil- 11 ta’ Lulju 1974 u li joqghod 79, Triq Bajjada, Haz Zabbar, detentur tal- karta ta’ l- identita bin- numru 321374M.

Talli fil- Belt Valletta nhar l- 1 ta’ Awissu, 2002 ghal- habta tas- 1.30p.m., bil- hsieb li jaghmel delitt wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad- delitt u cioe’ biex jisraq somma ta’ flus kontanti liema somma teccedi l-

Lm 100.00 izda anqas minn Lm 1,000.00 ghad- dannu ta' Rose Bonello mill- ispizjerija British Dispensary, liema serq li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil- mezz, u l- valur.

Akkuzat ukoll li huwa ricediv b' diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li f'l-udjenza mizmuma fit-2 ta' Ottubru 2007 l-imputat Brian Mallia ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien biex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz il-fedina penali aggornata ta'l-imputat.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 261(b)(c), 263, u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu; ghalhekk l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-fedina penali ta' l-imputat, li hija whada kemm xejn refrattarja, l-imputat instab hati ta' diversi reati, fil-bicca l-kbira taghhom serq, kommessi fuq medda ta' snin. Ghal dawn ir-reati huwa gie kkundannat ghal xi perjodu ta' prigunerija oltre li nghata sentenzi sospiza u anke tpogga taht ordni ta' *probation*. Dan pero ma tantx jidher li serva wisq bhala deterrent ghall-imputat.

Illi l-Qorti tosserva ukoll li l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu pero' dan ghamlu snin wara li bdew dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 261(b)(c), 263, u 267 kif ukoll l-artikoli 278, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sebgha (7) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------